**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 28 TA' SETTEMBRU, 2001

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 546/01 AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Joseph Casapinta kif ukoll l-istess Joseph Casapinta.**

**vs**

**Adrian Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) in kwantu ghas-somma ta' Lm225 hlas dovut lis-socjeta attrici u Lm25 lill-attur, danni sofferti f'incident awtomobilistiku li sehh fl-4

ta' Dicembru 1999 gewwa San Gwann bejn il-vettura bin-numru FAZ 436 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru CBA 603 misjuqa minn Paul Portelli liema incident sehh tort tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni u mperizja fis-sewqan.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi u lanqas deher ghas-seduta tas-7 ta' Settembru 2001 u dik tal-lum.

Semgha bil-gurament lis-surgent tal-pulizija 542 Alexander Grech. Ra wkoll l-iskizz (Dok. AG1) u l-okkorrenza (Dok. AG2). Jigi osservat li:

1. Fil-hin ta' l-incident il-vettura ta' l-attur (misjuqa minn Paul Portelli) kienet ghaddejja min Triq l-Istefanotis, San Gwann filwaqt li l-vettura tal-konvenut harget minn Triq Ward il-Hena.

2. Fil-hin ta' l-incident Paul Portelli kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass. Fl-okkorrenza jinghad li l-attur qal lill-pulizija li: *"As I was going through Triq l-Istefanotis towards Mensija Road I started overtaking the car which was in front of me…"*. Min-naha tieghu l-konvenut qal lill-pulizija li hares fuq il-lemin tieghu. Kif ra li ma kienux gejjin vetturi huwa hareg minn fuq l-*istop sign* u sab il-vettura tal-attur li kienet gejja minn fuq ix-xellug tieghu. Fl-okkorrenza jinghad: *"From my left on the wrong side of the Road came Van No. CBA 603 and collision occurred"*.

3. Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien hiereg minn *minor road* ghal fuq *major road*. Kellu l-obbligu li jzomm a *proper look out* u jhares fuq iz-zewg nahat qabel ma jisporgi ghal fuq Triq l-Istefanotis. Dan m'ghamlux u b'hekk naqas. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi haga li seta' ostakola l-vizwali tal-konvenut. *"Il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver huwa htija ta' kollizzjoni li tigri.... Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user li bl-eghmil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, il-main road user ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni avolja hu kien isuq il-karrozza fuq il-crown of the road minflok fuq ix-xellug taghha kif jippreskrivu r-regolamenti"* (Il-Pulizija vs Anthony Galea deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Settembru 1953 - Vol. XXXVII.iv.1137). F'din l-istess sentenza nghad ukoll li *"id-driver li jkun diehel minn side road ghal fuq main road ghandu certi doveri x'josserva fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road u jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, u dak li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara"*. Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut naqas minn dan l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma hareg fiha. Il-Highway Code tipprovdi: *"On turning at a <u>junction look right, then left, then right again</u>. Do not go until you are sure that it is safe to do so. Do not rely on signals to go ahead given by unauthorised persons"*. Fis-sentenza fl-ismijiet Louis Glanville vs John Degiorgio moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1989 inghad: *"<u>The driver approaching a Stop Sign</u>*

*must look and listen in both directions* *in order to apprehend fully what vehicles are approaching, how far they are away, at wha speed they appear to be progressing and then, only if quite satisfied that it is safe for him to enter the intersection, may he proceed further"*. Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet Cecil Ellul vs Joseph Muscat deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999 inghad: *"Ghandu jkun ghalhekk cjar li jekk jigi accettat, kif qed taccetta din il-Qorti, li l-konvenut appellat kien 'a minor road user', dan kien obbligat li josserva bi precizjoni r-regolamenti li kienu jimponu fuqu fl-obbligu li jghati d-dritta lit-traffiku fuq it-triq principali mnejn kien qed isuq l-attur appellant. Dawn jinkludu: (a) li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq; (b) li jaccerta ruhu li jkollu vizwali cara fiz-zewg direzzjonijiet ta' dik it-triq biex ikun jista' jassigura ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha, jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant il-boghod li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku; (c) li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata bil-mod il-mod 'inching out' u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jghaddi"*.

4. *Stop sign* hija ordni perentorja lid-driver tal-vettura sabiex minn warajha jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li seta' jidhol fil-*major road*. Kieku l-konvenut hares fuq ix-xellug tieghu, kif kellu l-obbligu li jaghmel, kien jara lis-sewwieq tal-vettura qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass. Mill-iskizz jirrizulta li t-triq minn fejn kienet

gejja l-vettura ta' l-attur hija ghad-dritt u fit tul u kieku l-konvenut hares fuq ix-xellug kien jinduna bil-karrozza l-ohra. L-obbligu tal-konvenut kien li jara li jista' johrog bla hsara u fil-fatt il-fatti juru l-oppost.

5. B'danakollu ma jfissirx li s-sewwieq tal-vettura li hija propjeta ta' l-attur m'huwiex ukoll responsabbli ghal dak li gara. Il-Highway Code jipprovdi:

*"Do not overtake at or when approaching:*

*(i) a pedestrian crossing;*

*(ii) a road junction;*

*(iii) a sharp corner or bend;*

*(iv) the brow of a hill'*

(v) *a hidden dip".*

Fi kliem Paul Portelli huwa kien qieghed jaghmel manuvra ta' sorpass. Mill-iskizz prezentat mill-ufficjal tal-pulizija, jirrizulta li fil-hin ta' l-incident il-parti ta' wara (tan-naha tax-xellug) tal-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghada fuq l-*istop sign*. Dan jikkonferma li l-konvenut ma nvadiex il-kareggjata ta' l-attur u li l-manuvra ta' sorpass kienet qeghda ssir proprju minn fejn tizbokka Triq Ward il-Hena ghal fuq Triq l-Istefanotis, San Gwann. Mill-iskizz jidher ukoll li sabiex Paul Portelli seta' jaghmel il-manuvra ta' sorpass kellu jinvadi parti (jekk mhux kollha) mill-karreggjata tal-vetturi li gejjin mid-direzzjoni opposta. Ir-responsabbilta li l-manuvra ta' sorpass hija tajba – tant ghall-post,

kemm ghall-hin kif ukoll ghall-esekuzzjoni taghha – hija ghal kollox fuq id-driver li jkun ser jaghmel tali manuvra. Jirrizulta li s-sewwieq tal-vettura Toyota bil-manuvra li ghamel f'dik il-parti tat-triq, qieghed lilu nnifsu f'posizzjoni li rinfaccjat b'emergenza subitaneja ma setax jevita l-kollizzjoni. Huwa ghandu ghalhekk jinzamm responsabbli ukoll ghall-incident. Mill-ftit provi li tressqu, it-Tribunal m'huwiex sodisfatt li Paul Portelli ma kellu ebda responsabbilta ghall-akkadut u qieghed jalloka kwart mill-htija fuqu. Il-fatt li Paul Portelli kien main road user ma jfissirx b'daqshekk li huwa ezonerat mill-htiega li jzomm a *proper look out* u josserva r-regolamenti tat-traffiku u jkun diligenti fis-sewqan tieghu.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma li s-somma ta' Lm225 thallset mis-socjeta attrici ghat-tiswija tal-hsara li saret fuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru CBA 603, filwaqt li l-attur hallas is-somma ta' Lm25 sabiex seta' jaghmel il-claim mas-socjeta attrici. Minn dawn l-ammonti l-konvenut ma hallas xejn.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta' Dicembru 1999 sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut u lil Paul Portelli (is-sewwieq tal-vettura propjeta ta' l-attur), jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm187.50).

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal kwart mill-atturi u tlett kwarti mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**